2025/2215

14.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2215

tal-31 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/964 fir-rigward ta' bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "SOPUROXID"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Ġunju 2022, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/964 ([2]) ta awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0026179-0000 lil SOPURA għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-familja ta' prodotti bijoċidali "SOPUROXID". L-Anness ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali għal dik il-familja ta' prodotti bijoċidali.

(2) Fil-15 ta' Novembru 2022, SOPURA ressqet notifika lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija"), f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([3]), ta' bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "SOPUROXID", kif imsemmija fit-Titolu 1 tal-Anness ta' dak ir-Regolament. In-notifika ġiet irreġistrata fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali ("ir-Reġistru") bin-numru tal-każ BC-TW081932-95. Il-bidliet proposti notifikati f'dik l-awtorizzazzjoni jikkonċernaw bidliet fl-isem tal-prodott bijoċidali.

(3) Fid-9 ta' Jannar 2023, l-Aġenzija ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, opinjoni ([4]) dwar il-bidliet amministrattivi notifikati fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "SOPUROXID". Fl-opinjoni, l-Aġenzija tikkonkludi li l-bidliet proposti huma bidliet amministrattivi kif imsemmija fl-Artikolu 50(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u kif speċifikat fit-Titolu 1, it-Taqsima 1, tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jibqgħu jiġu ssodisfati.

(4) Fid-9 ta' Jannar 2023, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "SOPUROXID" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni li jkopri l-bidliet amministrattivi kollha li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 11(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013.

(5) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk tqis li jixraq li tiġi emendata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "SOPUROXID" biex tintroduċi l-bidliet amministrattivi mitluba minn SOPURA.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/964 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "SOPUROXID" (ĠU L 166, 22.6.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/964/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

([4]) ECHA opinion UAD-C-1633880-27-00/F of 9 January 2023 on administrative changes of the Union authorisation of the biocidal product family 'SOPUROXID', https://echa.europa.eu/documents/10162/3443008/opinion_for_ua-admin_changes_bc-tw081932-95_en.pdf/7d0a4f78-9465-a87e-9c6e-5c0fb13cf6b2?t=1686103128867.

(6) Ħlief għall-emendi rigward il-bidliet amministrattivi, l-informazzjoni l-oħra kollha inkluża fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ta' "SOPUROXID" kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/964, tibqa' l-istess.

(7) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti u tal-partijiet interessati għall-verżjoni konsolidata tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali li għandha tiġi ppubblikata mill-Aġenzija, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/964 jiġi sostitwit fl-intier tiegħu. Minħabba bidla fil-format użat għall-ġenerazzjoni tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali fir-Reġistru fi Frar 2024, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali f'dak l-Anness jenħtieġ li jinkludi wkoll xi bidliet minuri editorjali u fit-tqassim.

(8) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/964 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/964 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL FAMILJA TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI

SOPUROXID

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

PT03: Iġjene veterinarja

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0026179-0000

Numru tal-assi R4BP: EU-0026179-0000

PARTI I

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

1. INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

1.1. **Kunjom**

Isem	SOPUROXID

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT03: Iġjene veterinarja PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	SOPURA
	Indirizz	Parc paysager de Tyberchamps 14 7180 SENEFFE Il-Belġju
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0026179-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0026179-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	It-12 ta' Lulju 2022	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	It-30 ta' Ġunju 2032	

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	SOPURA N.V.
Indirizz tal-manifattur	Rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	SOPURA N.V. site 1 Rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES Il-Belġju

Isem tal-manifattur	SOPURA QUIMICA
Indirizz tal-manifattur	Poligon "La Canaleta", Avinguda Júpiter 7 25300 TARREGA Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	SOPURA QUIMICA site 1 Poligon "La Canaleta", Avinguda Júpiter 7 25300 TARREGA Spanja

Isem tal-manifattur	HYPRED SAS (KERSIA Group)
Indirizz tal-manifattur	55, Boulevard Jules Verger (BP 10180) 35803 DINARD Franza
Post ta' siti ta' manifattura	HYPRED SAS (KERSIA Group) site 1 55, Boulevard Jules Verger (BP 10180) 35803 DINARD Franza HYPRED SAS (KERSIA Group) site 2 Niepruszewo, ul. Kasztanowa 64-320 Buk Il-Polonja

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Aċidu peraċetiku
Isem tal-manifattur	SOPURA N.V.
Indirizz tal-manifattur	Rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	SOPURA N.V. site 1 Rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES Il-Belġju

Sustanza attiva	Aċidu peraċetiku
Isem tal-manifattur	SOPURA QUIMICA
Indirizz tal-manifattur	Poligon "La Canaleta", Avinguda Júpiter 7 25300 TARREGA Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	SOPURA QUIMICA site 1 Poligon "La Canaleta", Avinguda Júpiter 7 25300 TARREGA Spanja

Sustanza attiva	Aċidu peraċetiku
Isem tal-manifattur	HYPRED SAS (KERSIA Group)

Indirizz tal-manifattur	55, Boulevard Jules Verger (BP 10180) 35803 DINARD Franza
Post ta' siti ta' manifattura	HYPRED SAS (KERSIA Group) site 1 55, Boulevard Jules Verger (BP 10180) 35803 DINARD Franza HYPRED SAS (KERSIA Group) site 2 Niepruszewo, ul. Kasztanowa 64-320 Buk Il-Polonja

2. KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Aċidu peraċetiku		Sustanza attiva	79-21-0	201-186-8	3,2-15 % (w/w)
Perossidu tal-idroġenu		Sustanza mhux attiva	7722-84-1	231-765-0	16,5-23,5 % (w/w)
Aċidu aċetiku		Sustanza mhux attiva	64-19-7	200-580-7	5,5-16,7 % (w/w)
Aċidu sulfuriku		Sustanza mhux attiva	7664-93-9	231-639-5	0,2-24,04 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	SL Konċentrat li jinħall

PARTI II

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

1. META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Meta SPC1

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT03: Iġjene veterinarja PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

2. KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Aċidu peraċetiku		Sustanza attiva	79-21-0	201-186-8	5-5 % (w/w)
Perossidu tal-idroġenu		Sustanza mhux attiva	7722-84-1	231-765-0	16,5-22 % (w/w)
Aċidu aċetiku		Sustanza mhux attiva	64-19-7	200-580-7	5,5-9,55 % (w/w)
Aċidu sulfuriku		Sustanza mhux attiva	7664-93-9	231-639-5	0,2-24,04 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	SL Konċentrat li jinħall

3. DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H272: Jista' jżid in-nar; ossidant. H290: Jista' jkun korrużiv għall-metalli. H302+H312+H332: Jagħmel il-ħsara jekk jinbela', jekk imiss mal-ġilda jew jekk jinxtamm. H314: Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn. H318: Jagħmel ħsara serja lill-għajnejn. H335: Jista' jikkawża irritazzjoni respiratorja. H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P280: Ilbes ingwanti protettivi. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn. P280: Ilbes protezzjoni għall-wiċċ. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ.

	P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT/tabib. P221: Ħu kull prekawzjoni sabiex tevita li jitħallat mal-kombustibbli… P261: Evita li tibla' bin-nifs fwar. P264: Aħsel idejk sew wara li tużah. P270: Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li tuża dan il-prodott. P271: Uża biss barra jew f'post ventilat sew. P321: Trattament speċifiku (ara l-informazzjoni fuq din it-tikketta). P330: Laħlaħ il-ħalq. P363: Aħsel il-ħwejjeġ kontaminati qabel terġa' tużahom. P301+P312: JEKK JINBELA': Ikkuntattja ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI/tabib jekk tħossok ma tiflaħx. P301+P330+P331: JEKK JINBELA': laħlaħ il-ħalq. TIPPROVOKAX ir-remettar. P302+P352: JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel b'ħafna ilma. P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs. P361+P364: Neħħi minnufih il-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel ma terġa' tużahom. P405: Aħżen f'post imsakkar. P403+P233: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm il-kontenitur magħluq sew. P501: Armi l-l-kontenut fi skont ir-regolamenti lokali/reġjonali/nazzjonali/internazzjonali. P280: Ilbes ilbies protettiv. P501: Armi l-il-kontenitur fi skont ir-regolamenti lokali/reġjonali/nazzjonali/internazzjonali. P235: Żomm frisk. P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent. P391: Iġbor it-tixrid. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P260: Tiblax bin-nifs fwar. P260: Tiblax bin-nifs sprej. P261: Evita li tibla' bin-nifs sprej.

4. UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Diżinfezzjoni ta' wċuh f'żoni industrijali, pubbliċi u tal-kura tas-saħħa mhux mediċi — trattament manwali (ħasil bil-mopp)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—

Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Ebda data Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'żoni industrijali, pubbliċi u tal-kura tas-saħħa mhux mediċi: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux porużi bi trattament manwali ((ħasil bil-mopp) b'tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Trattament manwali (ħasil bil-mopp). Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit huwa applikat bil-mopp bl-għodda xierqa (eż. mopp ċatt jew ċraret tat-tindif). Wara l-applikazzjoni, il-prodott dilwit għandu jitbattal.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Kontra l-batterji u l-ħmejjer: tal-kura tas-saħħa mhux mediċi B'0,048% PAA (Aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott f'0,96% i.e. 960 ml/100 l) f'Temperatura tal-Kamra f'5 min ħin ta' kuntatt. Rata ta' applikazzjoni: 20 ml/m² Użu apparti minn dak fil-KURA TAS-SAĦĦA B'0,048% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,96% i.e. 960 ml/100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 15-il minuta, temperatura ta' użu effiċjenti minn +4°C sat-Temperatura tal-Kamra. Rata ta' applikazzjoni: 30 ml/m² Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

L-oġġetti li jridu jiġu diżinfettati bil-ħasil bil-mopp, għandhom jibqgħu mxarrba suffiċjentement matul il-ħin ta' kuntatt meħtieġ biex jippermettu l-aqwa diżinfezzjoni.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika :

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul it-taħlit u t-tagħbija.

Protezzjoni respiratorja: .

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 20 huwa mandatorju matul il-fażi ta' applikazzjoni.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

Id-dħul mill-ġdid huwa permess biss ladarba l-konċentrazzjonijiet tal-arja tal-aċidu peraċetiku u tal-perrosidu tal-idroġenu jkunu tbaxxew taħt il-valuri ta' referenza rispettivi (AEC). Wara l-applikazzjoni, il-kamra trid tkun ventilata sewwa, preferibbilment b'ventilazzjoni mekkanika. It-tul tal-perjodu ta' ventilazzjoni għandu jiġi stabbilit bil-kejl permezz ta' tagħmir tal-kejl xieraq (speċifikati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni).

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2

Diżinfezzjoni ta' wċuh f'żoni industrijali, pubbliċi u tal-kura tas-saħħa mhux mediċi — trattament manwali (sprejjar)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'żoni industrijali, pubbliċi u tal-kura tas-saħħa mhux mediċi: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux poruż bi trattament manwali (sprejjar) b'tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Trattament manwali (sprejjar) Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit jiġi applikat bl-isprejjar bl-użu ta' bott żgħir tal-isprej

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Kontra l-batterji u l-ħmejjer: tal-kura tas-saħħa mhux mediċi B'0,048% PAA (Aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott f'0,96% i.e. 960 ml/100 l) f'Temperatura tal-Kamra f'5 min ħin ta' kuntatt. Rata ta' applikazzjoni: 20 ml/m^2. Użu apparti minn dak fil-KURA TAS-SAĦĦA B'0,048% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,96% i.e. 960 ml/100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 15-il minuta, temperatura ta' użu effiċjenti minn +4°C sat-Temperatura tal-Kamra. Rata ta' applikazzjoni: 30 ml/m^2. Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-fażi ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 4 huwa mandatorju matul il-fażi ta' applikazzjoni.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

"il-wiċċ trattat ma għandux jitħalla jinxef qabel it-tlaħliħ.

Il-pubbliku ġenerali għandu jerġa' jitħalla jidħol biss meta l-uċuħ jinxfu u wara ventilazzjoni suffiċjenti.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 3

Tindif fil-post (CIP) (fl-industrija farmaċewtika u kożmetika

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa Fl-industrija farmaċewtika u kożmetika: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux poruži bil-proċeduri ta' CIP (tindif fil-post) (b'ċirkulazzjoni) b'tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Bil-proċedura ta' CIP (tindif fil-post) Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit jiċċirkola awtomatikament minn tankijiet li jżommu is-CIP (tindif fil-post) permezz ta' pajpijiet magħluqa u installazzjonijiet. Wara l-proċedura ta' diżinfezzjoni, il-kontenituri (pajpijiet u tankijiet) għandhom jiġu mbattla u mlaħalħa bl-ilma taħt kundizzjoni ta' sistema magħluqa. ###
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B'0,032% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,64 % i.e. 640 ml / 100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 15-il minuta, temperatura ta' użu effiċjenti minn +4°C sat-Temperatura tal-Kamra. Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.3.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-fażi ta' taħlit u tagħbija.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 4 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.4. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 4

Diżinfezzjoni ta' wċuh f'serrer permezz ta' sprejjar mill-utent b'għeluq personali (fl-assenza ta' pjanti – għal għanijiet ta' iġjene personali biss)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'serrer: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux poruż bl-isprejjar
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sistema miftuħa: trattament sprej Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit jiġi applikat awtomatikament f'kull direzzjoni permezz ta' apparat tal-isprej L-utent huwa preżenti, bil-qegħda f'għeluq personali u/jew f'kabina magħluqa (eż. trattur mgħammar permezz ta' apparat tal-isprej/formazzjoni tal-fowm)
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Bejn 20 u 200 ml/m^2 Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B' 0,048% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,96 % i.e. 960 ml / 100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 60 min. Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.4.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-fażi ta' taħlit u tagħbija.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa mandatorju matul il-fażi ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

L-applikazzjoni għandha ssir biss bl-utent f'għeluq personali u bl-ebda persuna oħra preżenti.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

"il-wiċċ trattat ma għandux jitħalla jinxef qabel it-tlaħliħ".

Il-pubbliku ġenerali għandu jerġa' jitħalla jidħol biss meta l-uċuħ jinxfu u wara ventilazzjoni suffiċjenti.

4.4.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.4.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.4.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.5. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 5

Diżinfezzjoni ta' wċuh f'serrer permezz ta' sprejjar mill-utent mingħajr għeluq personali (fl-assenza ta' pjanti – għal għanijiet ta' iġjene personali biss)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'serrer: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux poruż bl-isprejjar

Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sistema miftuħa: trattament sprej Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit jiġi applikat awtomatikament f'kull direzzjoni permezz ta' apparat tal-isprej.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Bejn 20 u 200 ml/m^2 Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B' 0,048% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,96 % i.e. 960 ml / 100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 60 min. Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.5.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.5.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-fażi ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 40 huwa mandatorju matul il-fażi ta' applikazzjoni.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni

"il-wiċċ trattat ma għandux jitħalla jinxef qabel it-tlaħliħ".

Il-pubbliku ġenerali għandu jerġa' jitħalla jidħol biss meta l-uċuħ jinxfu u wara ventilazzjoni suffiċjenti.

4.5.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.5.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.5.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.6. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 6

Diżinfezzjoni ta' tagħmir agrikolu u tal-ortikultura bit-tgħaddis (fl-assenza ta' pjanti – għal għanijiet ta' iġjene personali biss)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'żoni agrikoli/tal-ortikultura: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux porużi/tagħmir (partijiet żgħar bħal tagħmir, spare parts, għodod, valvijiet, pajpijiet) bl-immersjoni f'banjijiet tat-tgħaddis b'tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sistema miftuħa: immersjoni Deskrizzjoni dettaljata: Qabel l-immersjoni tal-oġġetti li se jiġu diżinfettati, il-prodott konċentrat jiġi ppumpjat fil-banju tat-tgħaddis u dilwit sakemm tintlaħaq il-konċentrazzjoni ta' użu mixtieqa
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B' 0,048% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,96 % i.e. 960 ml / 100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 60 min. Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.6.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.6.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-faża ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa mandatorju matul il-faża ta' applikazzjoni.

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa mandatorju matul il-faża ta' wara l-applikazzjoni.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

4.6.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.6.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.6.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.7. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 7

Diżinfezzjoni ta' wċuh u tagħmir agrikolu/tal-ortikultura bl-isprejjar (fl-assenza ta' pjanti – għal għanijiet ta' iġjene personali biss)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'żoni agrikoli/tal-ortikultura: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux porużi/tagħmir bl-isprejjar b'tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sistema miftuħa: trattament sprej Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit jiġi sprejjat manwalment fuq l-uċuh/it-tagħmir bl-użu ta' tagħmir tal-isprej. L-isprejjar jiġi applikat biss l isfel u f'direzzjoni orizzontali.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Bejn 20 u 200 ml/m² Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B' 0,048% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,96 % i.e. 960 ml / 100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 60 min. Numru u ħin tal-applikazzjoni: /

Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.7.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.7.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-fażi ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 20 huwa mandatorju matul il-fażi ta' applikazzjoni.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

Il-wiċċ trattat ma għandux jitħalla jinxef qabel it-tlaħliħ.

4.7.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.7.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.7.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.8. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 8

Diżinfezzjoni ta' wċuh u tagħmir agrikolu/tal-ortikultura bl-isprejjar (fl-assenza ta' pjanti – għal għanijiet ta' iġjene personali biss)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp:

	Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'żoni agrikoli/tal-ortikultura: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux porużi/tagħmir bl-isprejjar b'tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: sprejjar Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit jiġi applikat bl-isprejjar b'mod awtomatizzat L-isprejjar jiġi applikat biss l isfel u f'direzzjoni orizzontali.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B' 0,048% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,96 % i.e. 960 ml / 100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 60 min Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.8.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.8.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-fażi ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

L-applikazzjoni hija awtomatika u għandha ssir biss meta ħadd mhuwa preżenti fiż-żona trattata.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

Il-wiċċ trattat ma għandux jitħalla jinxef qabel it-tlaħliħ.

4.8.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.8.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.8.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.9. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 9

Diżinfezzjoni ta' wċuh u tagħmir agrikolu/tal-ortikultura bi sprejjar awtomatiku (kamra magħluqa) (fl-assenza ta' pjanti – għal għanijiet ta' iġjene personali biss)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'żoni agrikoli/tal-ortikultura: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux porużi/tagħmir bl-isprejjar b'tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Bl-isprejjar. Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit jiġi applikat bl-isprejjar b'mod awtomatizzat mingħajr ebda operatur preżenti
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B' 0,048% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'0,96 % i.e. 960 ml / 100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 60 min. Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.9.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.9.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-faża ta' taħlit u tagħbija.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

L-applikazzjoni hija awtomatika u għandha ssir biss meta ħadd mhuwa preżenti fiż-żona trattata.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

Il-wiċċ trattat ma għandux jitħalla jinxef qabel it-tlaħliħ.

4.9.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.9.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.9.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.10. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 10

Diżinfezzjoni ta' postijiet għall-annimali permezz ta' sprejjar bi pressjoni baxxa mill-utent b'għeluq personali

Tip ta' prodott	PT03: Iġjene veterinarja
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Isem komuni: Batterji Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: Isem xjentifiku: Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp:
Qasam/Oqsma ta' użu	Użu fuq ġewwa F'post għall-annimali: Diżinfezzjoni ta' wċuh iebsin/mhux poruži bl-isprejjar b'tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: sprejjar Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott dilwit jiġi applikat awtomatikament fid-direzzjonijiet kollha bi sprejjar manwali bi pressjoni baxxa permezz ta' apparat tal-isprej L-utent huwa preżenti, bil-qegħda f'għeluq personali u/jew f'kabina magħluqa (eż. trattur mgħammar permezz ta' apparat tal-isprej/formazzjoni tal-fowm)
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Bejn 20 u 300 ml/m^2 Kontra l-batterji, ħmejjer u virusis: B'0,064% PAA (aċidu peraċetiku) (Dilwizzjoni tal-prodott b'1,28 % i.e. 1280 ml / 100 l) f'ħin ta' kuntatt ta' 60 min. Numru u ħin tal-applikazzjoni: /
Kategorija/i ta' utenti	Industrijali Professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1 000 sa 1 200 kg), fliexken ta' 1L, fornitura bil-massa).

4.10.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Irid ikun assigurat li ma hemmx annimali preżenti meta jsir it-trattament.

4.10.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-faži ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa mandatorju matul il-faži ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

L-applikazzjoni għandha ssir biss bl-utent f'għeluq personali u bl-ebda persuna oħra preżenti.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

"il-wiċċ trattat ma għandux jitħalla jinxef qabel it-tlaħliħ".

Trattament ta' postijiet għall-annimali vojta biss. L-annimali għandhom jitħallew jidħlu biss wara ventilazzjoni xierqa u meta l-uċuħ ikunu nixfu.

Il-pubbliku ġenerali għandu jerġa' jitħalla jidħol biss meta l-uċuħ jinxfu u wara ventilazzjoni suffiċjenti.

4.10.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.10.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

